**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 86/07**
It-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
86.5 Rapporti;
86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 71/07;
86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
86.8 Mozzjonijiet
- **MOZZJONI 01/86/2018**
  **Id-Devoluzzjoni ta' Biċċa Art ma' Triq Ħal Luqa ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien**
  ***Proponent :- Sindku Paul Farrugia Sekondant :- Viċi Sindku Keith Darmanin***

86.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 86.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 85/2018 tat-Tlieta 29 ta' Awwissu 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Kuntrattur DIMBROS u l-Perit Mintoff is-sitwazzjoni kienet ittranġat biċċa filwaqt li fil-maġġjor parti tagħha kien għandu ftit jew wisq l-istess. Żied jgħid is-Sindku li kien ilu iktar minn xahar li kien talab lill-perit il-BOQ għat-toroq Sta Tereza, Karmnu u Betta. Qal li konna qed nistennewv lilu biex inkunu nistgħu nibdew naħdmu. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia dan l-aħħar kien reġa ltaqa' mal-Ministru u maċ-Chairman ta' Infrastructure Malta u qalulu li toroq Zejtun u Sorijiet kienu qegħdin fil-proċess tat-tenders. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa l-ikbar problema mal-Kuntrattur tal-Iskips tal-Bring In Sites, il-GREENMT, kienet li dan l-istess kuntrattur ma kienx qed jissupplixxi l-boroż ħodor. Is-Sindku spjega għaliex konna qed naffaċċjaw problemi kbar ma' dan il-kuntrattur. Spjega wkoll li dan il-Kunsill ma setax jaqbad u jbiddel il-kuntrattur għaliex il-kuntratturi li joffru dan is-servizz kienu biss tnejn – il-GreenMt u l-GreenPAK. Qal ukoll li l-istess kuntrattur tagħna l-GreenMT kellu wkoll l-istess tip ta' problemi mal-Kunsilli Lokali li magħhom kellu l-kuntratt. Kompla jisġjega s-Sindku li peress li l-ERA kienet iddeterminat il-kwota tal-ġbir lil kull wieħed minn dawn iż-żewġ operaturi, dan il-Kunsill ma setax jaqbad u jissieħeb mal-operatur l-ieħor jiġifieri il-GREENPAK għaliex il-kwota mitluba lilu kienet diġa qegħda tintlaħaq mill-Kunsilli li kellu kuntratt diġa magħhom. Żied jispjega wkoll is-Sindku li fil-mument kienet għaddejja kawża l-Qorti bejn l-ERA u l-GreenMT. Għaldaqstant il-Kunsill ma setgħa jagħmel xejn għajr li jistenna direttiva mingħand l-istess ERA. Żied jgħid is-Sur Farrugia li ma setax jifhem kif l-ERA kienet bgħatet ittra imma li ma tinftiehemx sewwa. Qal li jekk ma jkollniex infurzar ta' vera ma kienx ser jingħata servizz sew. Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.

**v.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**vi.** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq tal-bus shelters konna fil-proċess li napplikaw għall-bus shelter ta' Triq Palma. Bus Shelter Triq Palma

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**viii.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, konna temporanjament weqfin. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari' riedet issir rikjesta lill-FACES. Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xi.** is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba kienu ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Bulky Refuse u dawn issa kienu għalqu, kellu jinħatar il-Bord tal-Għażla. Ġie deċiż li ż-żewġ kunsillieri Frans Agius u Luke Genuis ikunu fuq il-Bord tal-Għażla flimkien mas-Sindku bħala ċ-Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv. Skart Domestiku u Bulky Refuse

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u ddifferixxa għat-2 ta' Ottubru 2018. Kawża l-Qorti

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xiii.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien daħal ilment mingħand resident fi Triq il-Knisja fejn dan għaddih direttament lill-Prim Ministru. Għaldaqstant minn naħa ta' Kastilja talbu lilu bħala Sindku sabiex jinvestiga. Is-Sindku spjega li dan il-każ kien dwar it-*traffic management* fi Triq Żejtun/Knisja. Żied jispjega li kien ser nerġgħu ngħaddu l-pjanta ta' *traffic management* ta' Triq Zejtun hekk kif kien propost. Traffic Management – Zejtun Road

**xiii.ii** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u bi qbil unanimu ddeċieda li ngħaddu l-pjanti taz-zona hekk kif kien propost it-*traffic managment*.

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għad ma kellux risposta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. Qal li kien reġa kellem lill-Ministru kif ukoll liċ-Chairman ta' Infrastructure Malta li l-PA kienet qabdet u ddecidiet u għaldaqstant kellom jkelmuhom huma. *UIF – Triq il-Kbira*

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew li terġa ssir laqgħa u saħansitra anke jmorru fuq il-post sabiex jaraw eżattament x'hemm xi jsir dwar l-offerta li l-Onor. Konrad Mizzi Ministru għat-Turizmu kien għamlilna sabiex isir ameljorament ta' pjazza Misraħ tas-Suq Ħal Tarxien għas-spjejjeż tal-istess Ministeru. Qal ukoll li kellu telefonata mingħand l-Onor Silvio Parnis fejn l-Onor talbu jagħtih b'mod urġenti BoQ u disinn ta' idea għal pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali kif ukoll mal-ġenb tagħha. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott kien inbena l-ħajt. Is-Sindku qal li issa għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li titkompla l-bankina fejn m'hemmx. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li jekk issir il-bankina wieħed kellu jieħu in konsiderazzjoni li kien hemm parti li tiġi *blind corner* u għaldaqstant tkun ta' perikulu. Ħajt madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott

**xviii.** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan għaliex għal min kien qed jgħaddi bil-mixi hekk kif inhi mingħajr bankina kienet ferm perikoluża. Sadanittant ġie deċiż unanimament li ssir bankina u nibgħatu lit-TM għal permess biex jikkonsidraw jekk setax jibqa' l-parking eżistenti.

**xviii.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna fil-proċess li nippreparaw dokumenti għas-sejħa tal-offerti dwar Fencing/Gates fil-playing fields. Żied jgħid li dan kellu jsir għaliex ĠNIEN JOANNE waħdu hemm bżonn ta' 11 –il grada/fence u għaldaqstant l-ispiża kienet ser tkun waħda li taqbeż l-ammont ta' kwotazzjoni. Xatbiet protettivi

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm ċerta ġonna li dawn ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex dawn isiru u b'hekk il-Kunsill Lokali ikun in order. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

**xx.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xx.i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu nqalgħu xi problemi fil-Berġa ta' Ħal Tarxien. Spjega li kienet saret spezzjoni fuq il-post u rriżulta li kien hemm xi switch difettuż kif ukoll l-aircondition ma kenux qed jiffunzjonaw kif suppost. Sadanittant kienet saret laqgħa ġewwa l-Kunsill lokali fejn preżenti kien hemm uffiċċjali tal-Health fejn inġibdet l-attenzjoni tal-istess uffiċċjali dwar xi nuqqasijiet mill-istaff – Nurses u/Jew tobba li kienu qed jutilizzaw din il-Berġa. is-Sindku żied jispjega li xi nies li kienu għamlu użu mis-servizzi offruti fil-Berġa in kwistjoni kienu rrapurtaw fil-Kunsill li:- *Berġa – Ħal Tarxien*

- kien qed isir diskors politiku favur u/jew kontra l-Gvern minn nurse in partikolari;
- Diskors kontra s-Sindku Paul Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv in partikolari minn kandidat u li flimkien miegħu kien qed ikun hemm membru attwali tal-Kunsill;
- L-istess Nurse msemmija iktar 'l-fuq kienet qed tieħu magħha x-xogħol lit-tifel tagħha filwaqt li l-pazjenti jkunu hemmhekk biex jingħatu servizz. Għaldaqstant dan it-tifel li bejn wieħed u ieħor għandu għaxar snin kien qed jassisti u jisma dak kollu li kien qed jingħad lill-pazjenti. Spjega s-Sindku li dan kien jirriżulta fi ksur tal-privatezza tal-pazjenti u individwi li jirrikorru fil-Berġa;
- Qabdu u saru 3 kopji taċ-ċwievet tal-Berġa filwaqt li kopja minnhom qed teħodha saħansitra magħha d-dar l-istess nurse imsemmija

- qabel. Qal is-Sindku dan huwa ksur tar-regolamenti dwar l-Assi tal-Kunsilli Lokali. Hawnhekk is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-Binja tal-Berġa hija tal-Kunsill Lokali u mhux tal-Health Unit;
- Skart mormi u mħalli mal-art fil-kamra tat-tabib fejn jara l-pazjenti. Hawnhekk is-Sindku spjega li ladarba l-bin f'din l-istess kamra tat-tabib kien qed jimtela', kien qed jibqa jintrama l-iskart fl-istess bin bil-konsegwenza li dan jiġi mal-art u jitħalla hemmhekk anke sa ġimgħa sħiħa sa ma jkun jerġa jmissha li tmur l-cleaner ipprovduta għal darba fil-ġimgħa mill-istess Kunsill Lokali;
- Il-podjatrista kien qed iħalli tissues u loqom tad-dwiefer kemm mal-art u anke fuq il-coach wara li jkun offra s-servizz li xi pazjent;

**xxi.** Is-Sindku qal li dan kollu ġie mressaq għall-attenzjoni tal-uffiċċjali li kienu attendew għal-laqgħa li pero t-tlieta li huma qalu li ma kellhomx x'jaqsmu u li r-rapporti kellhom isiru għand l-uffiċjali responsabbli fis-sezzjoni tas-Saħħa. Żied jgħid is-Sindku Paul Farrugia li sadanitant xi ħadd mill-Health qabad u ddeċieda u għalaq il-Berġa u waħħal nota mal-bieb fejn infurmaw lill-pubbliku li s-servizz kien ser jibda jingħata mill-Health Centre ta' Raħal Ġdid. Is-Sindku spjega li jaħseb li ġara hekk għaliex filwaqt li lis-switch difettuż ġie mibdul, ma seta jsir xejn min-naħa tal-Kunsill sabiex jissewwew l-airconditions. Dan għall-fatt li dawn iż-żewġ airconditions twaħħħlu direttament u għas-spejjeż tal-Ministeru tas-Saħħa li dwarhom dan il-Kunsill ma kellux dokumentazzjoni bħal mingħand min kienu nxtraw u garanziji. Żied jgħid li sal-ġurnata tal-laqgħa kienu ġa marru tlieta min-nies biex jiċċekjaw dawn l-ac's pero kien irnexxilhom jsewwu wieħed biss u għaldaqstant il-Berġa kienet għadha magħluqa. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jekk xi residenti jilmentaw magħhom dwar dan, jinfurmawhom hekk kif kien għadu kemm ġie rrapurtat lilhom waqt il-laqgħa.

**xxi.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu xi talbiet għall-applikazzjoni dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY – NRU 56, Triq Santa Marija . Din it-talba ma ġietx milqugħa mit-TM.
- RESERVED PARKING BAY – NRU. 27, "Ta' Crispi" Triq il-Kbira. Din it-talba ma ġietx milqugħa mit-TM.

**xxi.i.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każi u qal li kien ser iżomm mad-deċiżjonijiet meħuda mit-TM.

**xxii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien ser idur l-isqaqien. Qal ukoll li kellu jibgħat rapport lis-Sanita fuq sqaq Sant Anna. *Sqaqien*

**xxii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament li jsir hekk.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand resident fi Triq il-Pellikani sabiex issir traffic calmer bejn Triq Pellikani u Triq l-Isqof Tumas Gargallo. traffic calmer bejn Triq Pellikani u Triq l-Isqof Tumas Gargallo.

**xxiii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament ma qabilx li din it-traffic calmer issir.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet notifika mingħand l-PA fejn dawn infurmawna li kien qed isir infurzar fuq sit DOLSON HOUSE - TRIQ infurzar fuq sit DOLSON HOUSE - TRIQ

SORIJIET u dan minħabba ksur tar-regolamenti dwar immaniġġjar ambjentali tas-siti tal-kostruzzjoni. SORIJIET.

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill kif kien ser jibda jiġi miġbur l-iskart organiku ġewwa Ħal Tarien. Huwa poġġa fuq il-mejda skeda li tiġbor fiha l-ġbir ta' skart organiku, tal-borża s-sewda, riċiklabbli, bulky, u WEEE. Skeda tal-ġbira ta' skart organiku

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn kumpanija li tiġbor tessuti, handbags u żraben bieb bieb darba fix-xahar. Is-Sindku qal li huwa tkellem ma dan il-kuntrattur u qallu li jekk il-Kunsill kien ser japprova u kien jaqbel li jibda jingħata dan is-servizz f'Ħal Tarien pero bil-patt u l-kundizzjoni li l-Kunsill ma jkunx magħrbut b'perjodu ta' żmien.

**xxvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u kien hemm qbil unanimu li jingħata wkoll dan is-servizz darba fix-xahar. Qalu wkoll li s-servizz tal-bins il-blue kellha wkoll tibqa hekk kif inhi bħalissa. Ġbir tat-tessuti

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixxi li l-iskips ta' wara l-iskola jiġu mneħħija u dan għaliex il-pubbliku ma kienx qed jikkopera anzi kien qed jarmi bl-addoċċ u fi kwalunkwe ħin u jum madwarhom u anke skart li mhux suppost jintefa fihom.

**xxvii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku li dawn l-iskips kellhom jitneħħew minnufih. Skips wara l-knsija Parrokkjali

**xxviii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjien kienu ser jiġu għall-nofstanhar l-Mobile Units tad-Demm u dak tas-Snien. Il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ mobile units joffru dawn is-servizzi b'xejn ġewwa Ħal Tarxien. Mobile Unite=s – Demm u Snien

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Fondazzjoni ST JEAN ANTIDE kienu qed jitolbu li jarmaw bank fejn kienu ser jaħdmu xi sapun waqt il-Fiera ta' SAN MARTIN li kienet ser tittella fil-futur qarib. Fiera San Martin – St Jean Antide

**xxix.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament li jistgħu jarmaw.

**86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**86.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm Rapporti x'jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill waqt din il-laqgħa.

**86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.71/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**86.8 Mozzjonijiet**

*ART TRIQ ĦAL LUQA - REACHOUT CENTRE*

**i.** • ***MOZZJONI 01/86/2018***

***Id-Devoluzzjoni ta' Biċċa Art ma' Triq Ħal Luqa ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien***

***Proponent :- Sindku Paul Farrugia***
***Sekondant :- Viċi Sindku Keith Darmanin***

**i.i** Is-Sindku u Proponent Paul Farrugia spjega u wera l-pjanti tas-sit.

**i.ii** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk il-proġett tat-toroq tal-Marsa/Telgħat iċ-Ċimiterju kienx ser jaffettwa il-proġett ta' Reachout Centre. Is-Sindku Paul Farrugia wieġeb li dwar dan kien diġa ċċekja u kellu konferma mingħand l-Awtoritajiet konċernati li dan il-proġett ma kienx ser ikun affettwat.

**i.iii** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa l-proġett kienx marbgħut mad-disinji mressqa mis-Sindku jew jekk kienx hemm lok għal tibdil f'każ ta' bżonn. Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia kkonferma li d-disinji ppreżentati saru wara survey li sar fuq il-post minn *land surveyor*.

**i.iv** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill Lokali u kien hemm qbil unanimu li din l-art tgħaddi bil-kera b'kollox lir-Reġjun Xlokk. Biss jekk il-Lands Authority ma taċċettax li jsir dan it-trasferiment allura din l-art għandha tibqa taħt idejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.

**86.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fit-7.15PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar IT-TLIETA 30 OTTUBRU 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |